MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 18/2004

Joseph Grech .

VS

Carmel Gauci ,
Elmo Insurance Agency Limited ,
David Frost .

Il-Qorti,

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx ihallsuh is-somma ta' elfejn, disa' mija u erbgha u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm2984.54) kif ukoll l-interessi relattivi mid-data ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv, rapprezentanti danni kollha sofferti mill-attur per konsegwenza ta' l-incident stradali illi gara fl-4 ta' Dicembru, 2003 fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, bejn il-vettura misjuqa minnek Carmel Gauci bin-numru BBI 185 u minnek Jack Frost bin-numru PAM 252, liema

incident gara unikament tort u htija taghkom Gauci jew Frost .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ April 2004 .

Bis-subizzjoni taghkom konvenuti li minn issa intom qeghdin tigu ngunti ghaliha .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Carmel Gauci li ggib id-data tas-sitta (6) ta’ Awissu, 2004 .
Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Elmo Insurance Agency Limited (numru tar-registrazzjoni tal-kumpannija C 3500) bhala rapprezentanti tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Frost, u ta’ l-istess David Frost, li permezz taghha eccepew illi :

Illi qabel xejn, Elmo Insurance Agency Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhijiex il-legittima kontradittrici tal-attur . Il-fatt illi Elmo Insurance Agency Limited giet surrogata fid-drittijiet fid-drittijiet tal-konvenut David Frost (ghal dak illi jirrigwarda r-rizarciment dovut lil Frost mill-attur odjern minhabba l-incident de quo) ma jirrendihiex il-persuna illi kontra taghha l-attur odjern ghandu jipprocedi ghar-rizarciment ta’ xi danni talvolta spettanti lilu minhabba l-incident de quo .

Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut David Frost ma huwa responsabbli b’ebda mod u manjiera ghall-incident de quo . Dan l-incident gara tort ta’ xi hadd fost il-konvenut Gauci, u l-attur Grech innifsu kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Innutat illi l-konvenut Carmel Gauci minbarra illi ghazel li jibqa’ kontumaci, naqas illi jattendi ghall-udjenza ta’ l-erbgha (4) ta’ novembru, 2004, li kienet l-ewwel udjenza appuntata ghas-smiegh ta’ din il-kawza, ghalhekk gew prezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tieghu fl-istess seduta u l-kawza giet differita . Fl-udjenza tal-lum l-istess

konvenut Carmel Gauci imsejjah tlett darbiet naqas illi jattendi, ghal hekk infethu l-kapitoli, inqraw l-istess kapitoli u skond il-ligi dawn ghandhom ghal hekk jigu dikjarati bhala ammessi .

In vista ta’ din l-ammissjoni, il-Qorti ghal hekk tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talba fil-konfront tal-konvenut Carmel Gauci, tiddikjarah unikament responsabbli ghal l-incident stradali mertu ta’ din il-kawza, u tikkundannah ihallas is-somma ta’ elfejn disa’ mija erbgha u tmenin lira maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm2984.54), flimkien ma’ l-interessi relattivi mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv, rapprezentanti danni kollha sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ l-istess incident stradali .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ April, 2004, kollox kontra l-istess konvenut Carmel Gauci .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------